MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2011

Numru. 14/2011

**Il-Pulizija**
**(Supt Carmelo Bartolo)**

**vs.**

**Joseph Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Joseph Brincat, bin missier mhux maghruf u Anna Maria nee Brincat, imwieled Pieta nhar it-8 ta’ Dicembru 1986 u joqghod 10, Triq il-Kappillan Frangisk Azzopardi, Isla, detentur tal-karta tal-identita 21087 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-28 ta’ Frar 2006 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa

ma ikkopera mal-pulizija u l-fedina penali pjuttost raffrettarja tieghu. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni it-talba tad-difiza li jkun ta' gid ghall-imputat jekk hu jibqa' ghal ftit zmien iehor il-habs (prezentement huwa qieghed il-habs jiskonta sentenza li waslet biex tintemm), sabiex jilhaq jirriabilita ruhu kompletament qabel jerga' johrog fis-socjeta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) xhur habs effettivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------